# TRADUZZJONI MINN CAMOENS BIL-MALTI

*Studju ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

L-ISKOP ta' din il-kitba huwa li nfakkar biċċa xogħol mhix magħrufa biżżejjed ta' Dwardu Cachia, poeta Malti tas-seklu Dsatax magħruf l-iktar għall-poeżija *Katrin ta' l-Imdina* li Dun Karm ġieb f'*Il-Malti* ta' l-1934. Is-suġġett ta' dil-kitba kien ilu jredden f'moħħi mindu, xi ħames snin ilu, kont qrajt it-tagħrifa interessanti ta' Ġużè Gatt f'*Il-Berqa* tas-17 ta' Novembru, 1937, li Cachia kien qaleb għall-Malti xi versi mill-Portugiż li Luiz de Camoens kien kiteb lil tfajla rsira jisimha Bàrbara li minnha kien innamra meta kien l-Indja. Billi Ġużè Gatt ma jsemmix f'liema ġurnal ta' dak iż-żmien kienet deħret it-traduzzjoni ta' Cachia, u min-naħa l-oħra l-antoloġija li fiha stampawha l-ewwel darba f'Lisbona m'hemmx kopja tagħha fil-Bibljoteka ta' Malta, kont kważi qtajt qalbi li xi darba nkun nista' nfakkar dil-biċċa xogħol ta' Cachia u noħrogħha mill-ġdid għad-dawl, kif għamel Dun Karm bil-ballata sabiħa ta' *Katrin ta' l-Imdina.* B'xorti tajba, kemm ilni hawn Londra (1) stajt nara, fir-*Reading Room* tal-*British Museum*, l-antoloġija "Pretidao de Amor" u hekk, malli sibt mument żmien, inxħett fuq dan l-istudju ċkejken bit-tama li wieħed ikun jista' jagħmel ħaqq aħjar mill-poeta tagħna.

Qabel ngħaddu għall-poeżija nfisha u għat-traduzzjoni, ngħidu xi ħaġa fil-qosor dwar il-ħajja ta' Dwardu Cachia. Dak li ngħabar fuqu minn Dun Karm u minn Ġużè Gatt jista' jitqassar hawnhekk fi ftit versi. Twieled l-Isla fl-1858 u daħal l-iskola tal-Gvern ta' 6 jew 7 snin. Ta' 16-il sena laħaq surmast assistent fl-iskola tal-Birgu, jiġifieri fl-1874, u minn hemm mar igħallem l-Isla u fl-aħħar Ħal Tarxien. Kien imdaħħal fix-*Xirka Xemïa* u kiteb poeżiji sew fil-folju tagħha *Is-Sebħ* (1884-1886) kemm fil-"Qari għall-Maltin" li bdiet toħroġ—poeżiji li deħru miġburin fi ktieb fl-1886 taħt l-isem "Taqbil Malti". Baqa' jikteb poeżiji bil-Malti wara li spiċċat dix-Xirka, f'*Il-Habbar*, il-*Malta Tagħna* u folji oħra ta' żmienu. Dwardu Cachia dam 34 sena jgħallem. Hareġ bil-pensjoni fl-1 ta' Frar, 1907, u miet fit-12 ta' Ġunju ta' l-istess sena fil-għomor ta' 49 sena.

---

(1) Dan kien miktub f'Diċembru ta' l-1950. Minn dak iż-żmien 'il hawn il-kittieb reġa' lura.

Barra dan, irnexxielna nsibu xi tagħrif ieħor dwar il-ħajja u l-ħidma ta' Dwardu Cachia. Dun Karm qalilna fl-1934 li "jidher li l-ħajja tiegħu tad-dar ma kenitx kollha ward". Dwar hekk tixħet xaqq dawl ukoll ittra li Wistin Levanzin bagħat lit-*Times of Malta* bid-data 12 ta' Awissu, 1946, fejn semma li Cachia "*died in poverty and tuberculosis, neglected by everybody. I went to see him in his last days and he gave me his photo that went lost with my other valuabe treasures...*" F'ittra oħra li kiteb fit-22 ta' Settembru, 1946, Levanzin qalli li Cachia "...miet f'idejja f'gorboġ ħdejn iċ-Ċimiterju f'għaks kbir bil-mard tas-sider u qalbu maqsuma... Huti kellhom ir-ritratt li tani hu".

Mill-folju li kien joħroġ Levanzin, *In-Naħla* (1908-1910), inlaqqtu xi tagħrif ieħor li għandu x'jaqsam mas-suġġett tagħna. Cachia kien surmast ta' Levanzin u dan ta' l-aħħar baqa' miġbud lejh u mhux biss reġa' stampa f'*In-Naħla* ħafna mill-poeżiji ta' Cachia, imma wkoll kien lesta kollox biex tidher traduzzjoni bit-taljan ta' l-aħjar poeżiji tiegħu bil-Malti. F'din il-biċċa xogħol kien imsieħeb ukoll il-poeta Sqalli Mario Rapisardi. Levanzin kien sar jaf lil Rapisardi bil-korrispondenza meta għamel ħabta kien qed jirsisti ħafna għall-ilsien Taljan ħalli ma jiġix meqrud mill-Ingliżi f'Malta! Imma nħallu 'l Levanzin stess igħidilna kif iltaqa' ma' Rapisardi u kif mill-laqgħat tagħhom twieled il-ħsieb tal-qlib bit-Taljan tal-poeżija ta' Dwardu Cachia: "........ma' dana l-kbir let-



**DWARDU CACHIA**

**1858-1907.**

terat taljan (Rapisardi) jiena kont ħabib minn żmien qabel bl-ittri u kien ġa bagħatli r-ritratt tiegħu 'con auguri di vittoria ai Maltesi'. Meta mort għandu fil-Borgo di Catania, għad li ftit kien iħobb il-ksir ir-ras tan-nies, laqagħni wisq, tant li qattajt mattliet nofs ta' nhari għandu... għad li dana Rapisardi kiteb xi ħwejjeġ li bihom weġġa' t-twemmin għażiż tagħna, u li lili ma jogħġbunix tassew, iżda mad-dinja kollha, u l-aktar fl-Italja dana l-kbir letterat hu miġjub wisq, għaliex għad li bil-ġenju kbir tiegħu ma għarafx jinqeda biżżejjed tajjeb, ħadd ma jneħħilu għalhekk il-ħila kbira tiegħu bħala wieħed mill-aqwa letterati taljani...

"Waħda mit-taħditiet li għamilna kienet fuq il-letteratura Maltija billi ħa pjaċir kbir wisq meta sama' li aħna għandna mhux biss bosta grammatiċi, dizzjunarji u kotba bil-Malti, iżda wkoll li aħna għandna r-rumanzieri u l-poeti kbar tagħna; tant li qalli hu għajb kbir li dina l-letteratura Maltija ma hix magħrufa fl-Ewropa u xtaq li jindaħal hu biex igħarrafha lid-dinja u talabni biex nagħżillu l-isbaħ poeżiji bil-Malti, u naqlibhomlu kelma b'kelma proża biex hu mbagħad jagħmilhom poeżija u **jistampahom f'xi rivista** mill-kbar ta' l-Ewropa. Kienet tkun ħaġa sabiħa għalina kieku rnexxiet din il-biċċa li l-aħjar poeżiji tagħna jiġu maqluba fl-ilsien Taljan minn poeta hekk **famuż bħal**ma hu Rapisardi, u jiena malli ġejt mis-safar bdejt nagħti rkaptu għaliha.

"Billi skond il-fehma tiegħi Dwardu Cachia kien l-akbar poeta bil-malti li qatt kellna mort għandu, għax bħala surmast tiegħi konna ħobż u sikkina, u sibtu ġa magħdur bil-bidu ta' dik il-marda kiefra li kellha hekk qasir il-għomor iġġorru ġewwa l-qabar b'telfa kbira wisq għal-letteratura Maltija.

"Malli fehimtu x'kien li ħadni għandu wiċċu tbissem bil-ferħ u ġabarli l-aħjar poeżiji bil-Malti tiegħu li deherlu li kien ħaqqhom li jinqalbu f'ilsien ieħor u tahomli. Granet wara ltqajt **mal-ħabib** tiegħi Alfonsu Giglio u għidtlu bil-fehma ta' Rapisardi u dana tant għoġbitu l-biċċa li ried jagħmel it-traduzzjoni għat-Taljan hu stess. Jiena, billi naf li s-sur Giglio għal dawna t-traduzzjonijiet jinqala' tassew għax jaf minn għanqudu l-ilsien Taljan, fraħt li sejjer inħalli f'idejh dik il-biċċa xogħol, tlaqtlu f'idejh il-poeżiji li tani Cachia u... baqgħu għandu kif kienu sal-lum jekk ma ntilfux ukoll għaliex għad li tlabthomlu kemm-il darba biex dak ix-xogħol la m'għamlux hu nagħmlu jiena, għadu qatt ma

tahomli, bi ħsara kbira għalina, għaliex kieku dak li wegħedni Rapisardi sar żgur, u tistgħu taħsbu jekk kienx ikun unur kbir għal pajjiżna li naraw l-aħjar poeti bil-Malti tagħna magħrufa u mfaħħra mad-dinja kollha kif jistħoqqilhom...'' (2).

Li Cachia baqa' sa l-aħħar ta' ħajtu jinteressa ruħu fil-Malti jidher ukoll minn ħaġa oħra, għax meta bdew joħorġu l-kotba tal-Mogħdija taż-Żmien mis-sur A.M. Galea isem Cachia kien jitniżżel fuq il-qoxra tal-kotba bħala wieħed li kien jieħu ħsieb it-tqassim u l-bejgħ tagħhom fir-Raħal Ġdid u Ħal Tarxien. Dan kien fl-ewwel snin ta' das-seklu.

Ngħaddu issa għall-poeżija ta' Camoens u għall-qlib tal-versi tagħha bil-Malti. Kif waslet biex dehret traduzzjoni bil-Malti fi ktieb stampat f'Lisbona jgħidulna Ġużè Gatt u billi jiena sibtu jaqbel mas-sewwa sa nġibu hawnhekk kif kien deher f'*Il-Berqa* ta' erbatax-il sena ilu: ''Il-poeżija ta' Camoens kien ħa ħsiebha, fl-1894, il-professur Xavier da Cunha, Bibljotekarju ta' Lisbona. Dan ried li tkun maqluba f'kemm ilsna hawn magħrufa. Għalhekk fittex nies tal-ħila fil-poeżija minn bosta ġnus fejn talabhom li jaqilbu din il-poeżija kull wieħed bl-ilsien tiegħu, u jagħmluha fuq l-istess metru li hi fl-oriġinal.

''Biex jikseb it-tifsir tagħha bil-Malti, dana l-Professur kiteb lil Dr. A.A. Caruana, li dik il-ħabta kien Direttur tat-Tagħlim f'Malta. Caruana qabbad lil Cachia u dan irnexxielu jaqlibha, kelma b'kelma, u b'versi senarji ta' tmienja tmienja, bħalma hekk ukoll hi mqassma mill-kittieb tagħha fil-lsien portugiż.

''Meta l-Professur Xavier ħassel kemm seta' traduzzjonijiet ta' l-imsemmija poeżija, ġabarhom kollha flimkien u ħariġhom fi ktieb wieħed bl-isem ta' *Pretidao de Amor*. Mill-inqas f'dan il-ktieb jinsabu 120 traduzzjoni ta' dina l-poeżija fuq l-imħabba tal-magħruf poeta portugiż. Fost dawn tinsab ukoll waħda bil-Malti ta' Cachia... Mill-ktieb *Pretidao d'Amor* ma ħarġux għajr 300 wieħed. Dawn tqassmu bejn it-tradutturi tagħha u dawk li ndaħlu biex isibu lil min jittraduċiha'' (3). Biex jibqgħu mfakkra l-ismijiet ta' dawk li għenuh, Da Cunha ippubblika lista tagħhom, u jsemmi sew lil Dr. Antonio Annetto Caruana kif ukoll lill-''Prof. Eduardo Cachia'' bħala traduttur (4).

Mit-titlu tal-poeżija *Endechas de Luiz de Camoes—A Uma*

(2) *In-Naħla*, tal-14 ta' Jannar, 1911.
(3) *Il-Berqa*, tas-17 ta' Novembru, 1937.
(4) Xavier da Cunha: *Pretidao de Amor*, Lisbona, 1893, p. 277.

ROYAL UNIVERSITY MALTA

*Captiva Por Nome Barbara, com quem o Poeta andava de amores Na India* jidher li dit-tfajla Barbri Camoens kien iltaqa' magħha l-Indja. Xejn ma għandna għax nistagħġbu li l-poeta Portugiż għadda żmien fl-Indja fis-sekiu 16, għalkemm fil-każ ta' Camoens il-qagħda tiegħu hemm kienet marbuta ma' ħafna intriċċi oħra, barra mis-sens ta' avventura li kellu. Tagħrifa qasira dwar il-ħajja tal-poeta nazzjonali tal-Portugall tgħinna biex nifhmu aħjar il-*background* storiku u psikoloġiku tal-poeżija.

Luiz de Camoens twieled aktarx f'Coimbra għall-ħabta ta' l-1524, meta sew ma jafux. Studja fl-Università ta' Coimbra, imma minn hemm kellu jħalli għall-ħabta ta' l-1545—hemm min igħid għax għema wara tfajla nobbli, Dona Caterina de Atuide, li ra l-ewwel darba l-Knisja nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1544, waqt li oħrajn isemmu t-tifla tar-re Manuel, l-Infanta Maria. Kienet min kienet, raw kif għamlu qabbdu dufrejhom fuq li semma r-re fil-produzzjoni ta' *El Re Seleuco*, u qalftuh 'il barra minn Lisbona u mill-Qorti. Wara sentejn jiġġieled fl-Affrika, fejn tilef għajnu l-leminija; Camoens reġa' lura l-Portugal fl-1549, imma f'Corpus ta' l-1552 kellu x'igħid ma' fizzjal tal-Qorti u ferieh u l-poeta sab ruħu l-ħabs għal tmien xhur. Tliet ġimgħat wara li ħareġ mill-kalzri ingaġġa u telaq għall-Indja fejn ħa sehem firrebħiet tal-Portugiżi. Wara li spiċċa l-ġlied, qagħad bi kwietu f'Goa jikteb l-ewwel sitt kotba ta' l-*Os Lusiados*. Fl-1555 il-Gvernatur laħħqu *provedor* f'Macao, fejn baqa' sa l-1558. Huwa u rieġa' lejn Goa l-bastiment tfarrak u ma' dawk li għerqu kien hemm tfajla lsira Ċiniża li tidher taħt l-isem ta' Dinamene f'xi sunetti mill-isbaħ ta' Camoens. Il-poeta salva mill-għarqa—igħidu li għam sa l-art bil-kotba ta' l-*Os Lusiados* fuq rasu! Meta fl-1567 Camoens telaq minn Goa għal Mozambique kien beda jikber, l-effetti tal-klima bdew jidhru fuqu, u fuq kollox kien bla sold, igħix bil-karità ta' sħabu, u lanqas kellu biex jagħmel libsa ġdida. Minn Mozambique fl-1569 xi ħbieb ħallsulu u ħaduh lura l-Portugall, fejn fl-1572 irnexxielu jistampa l-poema epiku nazzjonali *Os Lusiados* (Il-Portugiżi). Harġulu pensjoni mill-Qorti, imma mhux dejjem kienu jħallsuh u meta messitu l-pesta fl-1580 Camoens miet f'miżerja hekk kbira li l-Karmlitan li kien jassisti miegħu qabżitlu demgħa jara "ġenju hekk kbir mingħajr lanqas biss liżar biex igħattuh". Difnuh fil-qabar komuni ma' nies oħra li mietu bil-pesta, imma 300 sena wara mewtu l-fdal tiegħu ġar-

rewħ u qegħduh f'Belem ħdejn dak tar-re Sebastjanu u dak ta' qarib Camoens, Vasco de Gama (5).

L-istudju ta' Xavier da Cunha dwar il-versi li qed nitkellmu fuqhom juri kif is-suġġett tagħhom, jiġifieri t-tfajla jisimha Barbara, qajjem ħafna tilwim u kritika waħda kontra l-oħra minn mindu dehru l-ewwel darba fl-1595 fil-ktieb *Rhythmos de Luis de Camoens*. Min kienet din Barbri? Tgħid kienet ilsira tiegħu meta kien l-Indja? Din kienet il-fehma tal-kommentatur ta' Camoens, Manuel de Faria e Sousa, li kiteb hekk: "*Escriviò mi Maestro este Poema al assunto de estar enamorado de una esclava suya: y no solo esclava, mas aum negra: que alfin era di carne mi Poeta. Si la esclava era suya, como parece, succediò esto en la India, porque de allà truxo à Lisboa solamente un esclavo natural de la Java, que se llamava Antonio*" (6).

B'reqqa kritika li tgħaġġbek, da Cunha juri li fil-poeżija tiegħu Camoens dejjem isemmi biss tfajliet b'xagħarhom isfar, u jaħseb li l-kommentatur mar żmerġ fl-interpretazzjoni tiegħu tal-kelma *preta* (sewda) fil-poeżija. Imbagħad igħaddi biex igħid li l-bijografi ta' Camoens isemmu wkoll Barbara oħra, li kienet mulatta, bħala l-persuna li kienet is-suġġett ta' dawn il-versi. L-aħħar snin ta' ħajtu Camoens għaddiehom f'faqar kbir: lanqas jiekol sa jixba' ma kien, u hemm min igħid li din Barbri l-mulatta kienet tagħtih xi flus u tibgħatlu platt tisjir milli kienet tbigħ hi fit-triqat ta' Lisbona. Fid-disa' edizzjoni ta' l-"Encyclopoedia Britannica" naqraw: "*Some picturesque and touching, but probably apochryphal narrations are chronicled by Camoens's biographers. One tells of the faithful Javanese Antonio sallying forth at eventide to beg from passers-by the means of procuring a modest meal for himself and his master, another, of Barbara, a mulatto woman who, from the scanty store upon her stall and the still scantier treasury of her pocket, spared a daily ration and an occasional silver coin in pity for one she might have known prosperous in Macao*" (vol. IV, p. 749).

Minn dan donnu l-kittieb ta' l-artiklu jrid juri li Barbri ta' l-Indja hi l-istess Barbri ta' Lisbona, u l-istess il-Professur Francesco Paolo Pace, ta' Napli, f'nota miġjuba minn da Cunha, isostni li ma kienx hemm ħlief tfajla waħda b'dan l-isem, u jżid

(5) *Encyclopoedia Britannica*, 14th Ed., 1946, Vol. 4, pp. 667-669.
(6) Xavier da Cunha: *op. cit.*, Introd., p. 42.

igħid : *"Camoes morì povero nell'ospedale del sobborgo di Sant' Anna; lo schiavo Antonio e l'Indiana Barbara, sua prediletta, furono i soli amici che ebbe nell'infortunio"*. Fuq hekk da Cunha jieħdu qatta bla ħabel u jgħid li ż-żewġ "Barbari" kienu tnejn min-nies differenti.

Wara iktar minn 200 paġna ta' argumenti favur u kontra, u kwotazzjonijiet minn ħafna ilsna u awturi, da Cunha wasal biex qal li fil-fehma tiegħu m'hemm l-ebda dubju li Camoens littfajla Barbri ħabbha meta kien l-Indja, li ma kellha x'taqsam xejn ma' dik Barbri l-oħra li kienet iddur bih fl-aħħar ta' ħajtu, u li Barbri ma kenitx ilsira sewda nigra. Jekk kenitx ilsira ta' Camoens jew le ma tistax tgħid għalkemm dan l-editur studjuż jidher imxaqleb lejn il-fehma li Barbri kienet ilsira ta' Francesco Barreto, li kien Gvernatur ta' l-Indja, u li, forsi biex jeħles minn Camoens, kien bagħtu f'Macao.

Jidhrilna li tajna tagħrif biżżejjed dwar il-poeżija ta' Camoens. Jekk kellux influwenzi ta' poeżijiet oħra sew popolari kemm stampati fi żmien il-poeta jew ftit qablu, jonkella tal-poeti klassiċi, li fosthom da Cunha jsemmi l-*Os Amores* ta' Ovidju, inħalluh għat-tiftix ta' min hu mgħarraf biżżejjed fil-letteratura tal-Portugall. Imma naħseb li l-qarrejja ma jiddejqux ikunu jafu b'kumment ta' da Cunha meta jgħid li mkien forsi ħlief fit-titjir axxetiku ta' Santa Tereża ma nsibu ħsibijiet imfissra b'lirika hekk delikata daqs dik li nsibu fl-ewwel versi ta' Camoens—il-vers ta' Santa Tereża meta kitbet :—

Vivo son vivir en mi :

Y tan alta vida espero,

Que muero porque no muero.

U issa nagħtu, maġenb xulxin, l-oriġinal ta' Camoens u l-qlib bil-Malti ta' Cachia biex wieħed jara aħjar kemm u safejn irnexxielu jidħol fl-ispirtu tal-poeta Portugiż u joqgħod għall-metru ta' l-oriġinal :

## ENDECHAS DE LUIZ DE CAMOENS

*A Uma Captiva por Nome* BARBARA *com quem o Poeta andava de Amore na India*

A quella captiva
Que me tem captivo,
Porque nella vivo
Já nao quer que viva.
Eu nunca vi rosa
Em suaves mólhos
Que para meus olhos
Fôse mais fermosa.

Nem no campi flores
Nem no céo estrellas,
Me parecem bellas
Como os meus amores.
Rosto singular!
Olhos socegados,
Pretos, e cansados
Mas nao de matar!
Uma graça viva
Que nelles lhe mora,
Para ser senhora
De quem é captiva!
Pretos os cabellos,
Onde o povo vao
Perde opiniao
Que los loiros sao bellos!

Pretidoa de amor...
Tao doce a figura,
Que a neve lhe jura
Que trocára a côr!
Leda mansidao,
Que a sizo acompanha,

## GĦANJA TA' LUIGI DE CAMOENS

*Fuq waħda lsira isimha* BARBRI, *li kien innamra magħha meta kien l-Indji.*
*Imfissra minn* DWARDU CACHIA

Il-lsira li qiegħda
Iżżommni lsir tagħha,
Ma tridx illi jiena
Ngħix iżjed għajr magħha.
Jien qatt ma sibt warda
Fost kemm rajt b'għajnejja,
Li tisboq bi ġmielha
Lill-lsira qaddejja.

La l-kwiekeb tas-sema,
La l-ward ta' ġo ġnien,
Ma jhennu lil qalbi
Daqs dik li nħobb jien.
Dak wiċċha d-daħkani,
U s-suwed għajnejha
Isaħħru warájhom
Lil min jirfes ħdejha.
Tgħaxxik bi ħlewwitha
U ġġagħlek tgħajtilha
Sultana ta' daka
Li lsira jsejħilha!
Xagħarha iswed tuta,
Sabiħ u mhux ftit:
Hux l-isfar l-imfaħħar?
Hdejn dan xejn ma jgħid!

Hi samra, 'ma ġġagħlek
Tinġibed għaliha;
Ar' kemm, li s-silġ lewnha
Jixtieq biex jitfiha.
Fi kliemha, minn tagħna,
Mhix fiergħa, għaqlija :

| | |
|---|---|
| Bem parece extranha,<br>Mas... *barbara* nao! | Qatt taħsbu l'hi *bárbara*,<br>Għad l'hi barranija. |
| Presença serena<br>Que a tormenta amansa:<br>Nella emfim descansa<br>Toda a minha pena.<br>Esta è a captiva<br>Que me tem captivo:<br>E, pois nella vivo,<br>È fôrça que viva. | Bis-skiet tagħha trażżan<br>Il-qilla tar-rjieħ,<br>U 'l qalbi l-marida<br>Troddilha l-mistrieħ.<br>Din hi dik il-lsira<br>Li jiena lsir tagħha:<br>U, la 'l qalbi tfejjaq,<br>Jaħtieġ li ngħix magħha. |

Napprezzaw iktar ix-xogħol ta' Cachia meta nqisu li mhux it-tradutturi kollha ta' dal-versi rnexxielhom jaqilbuha u jżommu l-istess metru ta' l-oriġinal. Nagħtu xi eżempji ta' l-ewwel strofa minn dawk li deħru bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż.

Mill-Ingliż ta' R. Ffrench-Duff:—

Captive, whose captive slave am I,
Who now, alas! must cease to live,
Since thou compellest me to die,
Who canst alone existence give!
Ne'er did so beautiful a rose
Appear before my living eyes;
Like thee there is no flower that grows,
Nor star so brilliant in the skies.

Eqreb lejn l-oriġinal din ta' Canon Pope:—

A captive maiden's
Slave am I;
In her I live,
She bids me die.
Ne'er saw I rose
In bouquet rare
That to my eyes
Appeared more fair.

L-istess strofa fil-qlib bil-Franċiż ta' Andrè Cole de Barre tinqara hekk :—

La douce captive
Qui me tient captif
—Car je vis en elle—
Me fera mourir.
Oncques ne vis rose,
In un frais bouquet
Qui fùt à mes yeux
Plus qu'elle jolie.

Tajba wkoll din bit-taljan, maqluba minn Prospero Peragallo :—

La dolce cattiva
Che tienmi cattivo,
Perchè in essa vivo
Non vuol più ch'io viva.
Io mai vidi rosa
In verde mazzetto
Che nel mio concetto
Più fosse formosa.

---

U fl-aħħarnett, din bl-Isqalli :—

Sta scava carzarata
chi in carzira mi teni,
pirchì la vosi beni
la vita m'ha livata.
Rosa non vitti mai
ntra maiu chiu odurusa
cosa chiu priziusa
d'iddha chi tantu amai.

Sitt snin oħra, Dwardu Cachia jagħlaq ħamsin sena li ilu nieqes minn fostna. Minn żmienu 'l hawn il-poeżija maltija ħadet xejra li żgur Cachia stess ma kienx jistenna meta kiteb *Kat-*

*rin ta' l-Imdina* u qaleb il-versi ta' Camoens li ġibna hawnhekk. Fis-snin ta' wara l-aħħar gwerra rajna l-ġbir ta' ħafna poeżiji u antoloġiji bil-Malti. Tistax forsi xi waħda mill-għaqdiet tal-Malti tieħu f'idejha l-ġbir tal-poeżiji ta' Dwardu Cachia—mill-ġurnali u pubblikazzjonijiet oħra—biex sa sitt snin oħra jkun kollox lest u tkun tista' toħroġ ktieb sħiħ tax-xogħol tiegħu? Dan ikun l-aqwa rikonoxximent li l-kittieba tal-lum jistgħu juru lejn il-ħidma ta' bniedem li għax u tħabat u kiteb fi żmenijiet imwiegħra meta l-Malti kien għadu xort'oħra milli hu l-lum.

*Londra, l-aħħar tas-sena 1950.*